MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 1895/2001/1

**Paul MIFSUD**

**vs**

**Rita AZZOPARDI, Emmanuel *sive* Manuel Azzopardi u Joseph Buġeja**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-14 ta' Diċembru, 2001, li bih l-attur ippremetta:

Illi l-attur huwa l-proprjetarju assolut ta' porzjoni ta' art, fl-Mtarfa limiti tar-Rabat, Malta, skond kuntratt ta' bejgħ ma' l-Awtorita' tad-Djar fl-atti tan-Nutar Dottor Elisa Falzon tas-sitta (6) ta' Settembru tas-sena elfejn u wieħed (2001) hawn anness u mmarkat bħala Dok. "A";

Illi l-konvenuta Rita Azzopardi qed tikri r-residenza li tinsab adjaċenti ma’ biċċa art li da parti tagħha hija adjaċenti ma’ l-imsemmija art proprjeta assoluta ta’ l-attur;

Illi l-konvenuti jew minn minnhom reċentement u b’mod vjolenti jew klandestin, ħartu l-imsemmija art proprjeta’ ta’ l-attur u zergħu xtieli u sigar fl-istess art u b’hekk ċaħħdu u/jew ippregudikaw lill-ttur fl-ezerċizzju tad-drittijiet tiegħu;

Illi għalkemm interpellati sabiex ma jagħmlux dan l-aġir abbuziv, u jerggħu jirripristinaw kollox għal kif kien qabel, il-konvenuti jew minn minnhom baqgħu inadempjenti;

Illi l-konvenuti jew minn minnhom ġie li kkommettew spoll vjolenti u/jew klandestin fil-konfront ta’ l-attur;

Għalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m’għandhiex, prevja kull dikjarazzjoni meħtiega u neċessarja:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenuti jew minn minnhom ikkommettew spoll vjolenti u/jew klandestin fil-konfront ta’ l-attur;

2. Tikkundanna lill-konvenuti jew minn minnhom jirrintegraw lill-attur fil-pussess esklussiv ta’ l-art proprjeta’ tiegħu;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jew minn minnhom jaqalgħu x-xtieli u s-sigar li ħawwlu u jirripristinaw l-art ta’ l-attur għall-istat li kienet tinsab fih qabel ma sar l-ispoll;

4. Tiffissa terminu qasir u perentorju sabiex isiru x-xogħolijiet neċessarji għall-finijiet tat-talba numru tlieta (3), okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi;

5. F’kaz illi t-terminu stabbilit fir-raba’ (4) talba jgħaddi inutilment, tawtorizza lill-attur jattwa l-istess xogħolijiet a spejjez tal-konvenuti jew minn minnhom;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra uffiċjali datata wieħed u għoxrin (21) ta’ Novembru tas-sena elfejn u wieħed (2001)

kontra l-konvenut jew minn minnhom li huma minn issa nġunti sabiex jidhru għas-subizzjoni u b'riserva ta' kull azzjoni oħra, kriminali u ċivili spettanti lill-attur skond il-liġi u senjatament dik għad-danni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur, flimkien mad-Dokument mehmuż magħha;

Rat illi l-imħarrkin Azzopardi, għalkemm notifikati kif imiss b'kopja tal-Att taċ-Ċitazzjoni u bl-Avviż tas-Smigħ fi-22 ta' Jannar, 2002[1], naqsu li jressqu Nota tal-Eċċezzjonijiet fiż-żmien mogħti lilhom mil-liġi, u lanqas qatt dehru jew imqar kienu rappreżentati kull meta ssejħet il-kawża, u b'hekk waqgħu kontumaċi;

Rat in-Nota mressqa mill-attur fit-22 ta' Frar, 2002[2], bix-xhieda bl-affidavit tal-attur u tas-Surġent Micallef, flimkien ma' dokumenti oħrajn mehmużin magħha;

Rat in-Nota mressqa mill-attur fl-14 ta' Marzu, 2002[3], bix-xhieda bl-affidavit tal-Perit Borġ Grech u dokument mehmużin magħha;

Rat in-Nota tal-attur tas-16 ta' Mejju, 2002[4], li biha ċeda l-atti tal-kawża fil-konfront tal-imħarrek Joseph Buġeja;

Semgħet ix-xiehda mressqa mill-attur;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tal-attur;

Rat id-Degrieti tagħha tas-16 ta' Mejju, 2002, u tas-27 ta' Settembru, 2002, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

---

[1] Ara r-riferti f'paġġ. 10 *tergo* u 12 *tergo* tal-proċess
[2] Paġġ. 13 sa 39 tal-proċess
[3] Paġġ. 42-5 tal-proċess
[4] Paġ. 49 tal-proċess

Illi din hija kawża ta' spoll privileġġat. L-attur, bħala sid ta' biċċa art fl-Imtarfa, limiti tar-Rabat, jgħid li l-imħarrkin (li jikru post ta' abitazzjoni u li magħha hemm ftit art li tmiss mal-art tiegħu) qabdu u daħlulu fiha, ħartuha u ħawluha bi xtieli u b'siġar kontra r-rieda tiegħu. Jgħid li, minkejja li wissihom ukoll bl-għajnuna tal-awtoritajiet kompetenti, l-imħarrkin jew min minnhom baqgħu ma tawx każu, u kellu jiftħilhom il-kawża tallum;

Illi, kif ingħad, l-imħarrkin ma weġbux għax-xiljiet tal-attur. Lanqas ma ttellgħu bis-subizzjoni, imma, kif sejjer jingħad iżjed 'il quddiem, is-sehem tagħhom fil-ġrajjiet li wasslu għall-proċeduri quddiem din il-Qorti jinsabu dokumentati fl-atti tal-kawża xorta waħda;

Illi, mill-provi li joħorġu mill-atti tal-kawża, jirriżulta li l-attur kiseb l-art mertu tal-kawża mingħand l-Awtorita' tad-Djar f'Settembru tal-2001[5]. Qabel ma sar il-kuntratt, uffiċjal tal-Awtorita' kienet għamlet it-tiftix meħtieġ fid-Dipartiment tal-Artijiet u sabet li l-art kienet tassew tal-Awtorita' tad-Djar u li ħadd ieħor ma kellu xi jeddijiet fuqha[6]Din l-art tmiss mad-dar tal-attur, u nbiegħet lilu ħielsa minn kull piż u bil-pussess battal, għajr għal jedd ta' aċċess favur terzi, bi qbil u sorveljanza tal-istess attur, għall-finijiet ta' tiswija u manutenzjoni ta' sistema ta' drenaġġ li tgħaddi minn taħtha. L-attur intrabat li juża l-art bħala ġnien għat-tgawdija tiegħu u ta' familtu, u ntrabat li jtella' ħajt madwarha bi spejjeż tiegħu. Sa qabel ma kiseb l-art, l-attur, kellu aċċess għaliha minn xatba[7] bħal ħaddieħor;

Illi fit-18 ta' Novembru, 2001, ra lill-imħarrek Emanuel Azzopardi jagħmel ħofor fl-art tiegħu u rrappurtah minnufih[8]. Meta ġie pulizija fuq il-post, sema' lill-imħarrka tgħid li dik l-art kienet tagħha għax tħallas il-kera għaliha u

---

[5] Dok "A", f'paġġ. 5 sa 8 tal-proċess (ripreżentat bħala Dok "A", f'paġġ. 18 sa 21)
[6] Xhieda tal-Perit Magro 16.5.2002, f'paġġ. 55-6 tal-proċess
[7] Affidavit tal-attur f'paġ. 14 tal-proċess u Dok "B", f'paġ. 22 tal-proċess
[8] Dok "D", f'paġġ. 24-5 tal-proċess (ripreżentat bħala Dok "A", f'paġġ. 36-7 tal-proċess)

kienet beħsiebha tibqa’ tidħol fiha. Il-Pulizija jgħid[9] li ra lill-imħarrek Azzopardi jaħdem l-art u jħaffer il-ħofor. L-għada, tħawlu siġar ġol-art tiegħu u kif ukoll fuq il-linja fejn hu maħsub li jittella’ l-ħajt li l-attur intrabat li jibni madwarha fil-kuntratt tal-kisba tal-art[10]. Ħamest ijiem wara, reġa’ lemaħ lill-imħarrek Azzopardi jaħdem l-art tiegħu (jiġifieri tal-attur). Ittieħdu wkoll proċeduri kriminali kontra l-imħarrkin Azzopardi[11];

Illi l-attur talab lill-imħarrka uffiċjalment[12] ukoll biex ma tidħollux iżjed fuq l-art tiegħu u biex tneħħi minnha s-siġar li tħawlu, imma ma tatx każ. Fl-14 ta’ Diċembru, 2001, infetħet il-kawża. Minkejja dan, l-attur baqa’ jiġi sfidat fil-pussess tiegħu ukoll wara li nfetħet din il-kawża, u dan billi Azzopardi qegħda tħalli kelb tagħha jimraħ fuq l-art tal-attur, li qiegħed jibża’ jidħol fl-art tiegħu. Is-siġar u x-xtieli mħawlin fuq u biswit l-art tal-attur baqgħu ma tneħħewx;

Illi l-Qorti tgħaddi issa biex tagħmel konsiderazzjonijiet ta’ dritt li jirrigwardaw il-każ u tqis kif dawn japplikaw għall-azzjoni attriċi. L-azzjoni mibdija mill-attur hija dik possessorja magħrufa bħala l-Azzjoni ta’ Spoll, u li hija msemmija fl-artikolu 535 tal-Kodiċi Ċivili, għal liema azzjoni japplika wkoll l-artikolu 791 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta. Din l-azzjoni hija waħda minn erba’ azzjonijiet possessorji li l-Kodiċi Ċivili tagħna jagħraf li jistgħu jittieħdu għall-ħarsien tal-pussess ta’ dak li jkun;

Illi l-għażla ta’ liema azzjoni tinbeda hija mħollija f’idejn min jagħmel il-kawża, u ladarba min jiftaħ kawża jfassalha fuq elementi partikolari, mhux imħolli lill-Qorti li tagħżel x’rimedju ieħor messu fittex l-attur. F’dan il-każ, kif jingħad fl-Att taċ-Ċitazzjoni nnifsu, l-azzjoni magħżula hija dik ta’ spoll;

Illi huwa stabilit li l-azzjoni ta’ spoll hija msejsa fuq l-ordni pubbliku u hija maħsuba bħala azzjoni mħaffa u effikaċi

[9] Affidavit tas-Surġent Charles Micallef, 22.2.2002, f’paġ. 34 tal-proċess
[10] Affidavit tal-Perit Borġ Grech 14.3.2002, f’paġġ. 43-5 tal-proċess
[11] Dokti “Ħ” u “I”, f’paġġ. 31-3 tal-proċess
[12] Ittra uffiċjali tal-21.11.2001, imressqa bħala Dok “E”, f’paġġ. 26-7 tal-proċess

biex ma tħalli 'l ħadd li jieħu l-liġi b'idejh u jxekkel stat ta' fatt, u biex, jekk dan isir, min ikun għamel dan l-att jerġa' jqiegħed kollox minnufih kif kien, qabel kull indaġni oħra[13] (*spoliatus ante omnia restituendus*). F'din l-azzjoni huwa meħtieġ jiġu ippruvati tliet (3) elementi, u jiġifieri (a) il-pussess; (b) it-teħid tiegħu b'għamil tal-imħarrek u (ċ) li l-azzjoni nbdiet fi żmien xahrejn minn meta jsir l-att ta' spoll;

Illi dwar <u>l-ewwel element</u>, huwa meħtieġ li jintwera li, fil-waqt li sar l-għamil ilmentat, l-attur kien fil-pussess imqar materjali jew ta' fatt[14]. Minbarra dan, il-pussess ma għandux ikun ekwivoku imma fid-dieher, ukoll jekk ikun għal waqt qasir[15], u l-Qorti għandha tillimita ruħha biss biex tqis il-fatt tal-pussess[16] u dak tal-ispoll[17]. Mhux meħtieġ li l-pussess li jista' jitħares minn azzjoni bħal din ikun wieħed esklussiv[18];

Illi f'dan il-każ m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-attur kellu l-pussess tal-art mertu tal-każ fi grad qawwi u meħtieġ biex isejjes din l-azzjoni. Huwa possibbli li l-ispoll jimmaterjalizza wkoll meta jkun hemm ċaħda parzjali ta' pussess[19]. F'dan il-każ, jista' jingħad li l-attur dejjem sata' jibqa' jidħol fuq l-art tiegħu. Għalkemm dan huwa minnu, madankollu, ġie muri suffiċjentement li llum u f'kull waqt tal-kawża, l-attur huwa sfidat fit-tgawdija ta' ħwejġu u l-pussess tagħhom, u minbarra f'hekk, qiegħed ikun mhedded milli jissokta l-pussess;

Illi jirriżulta wkoll li l-pussess tal-attur imur lil hinn minn wieħed ta' żamma prekarja jew b'tolleranza. Hija biss dwar għamla ta' żamma bħal din li l-azzjoni tal-ispoll ma tagħtix il-protezzjoni tagħha[20]. Dan qiegħed jingħad minbarra li f'azzjoni ta' pussess privileġġjat bħalma hija l-

[13] Ara App. Ċiv. **9.3.1992** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Cardona vs Tabone et*** (mhux pubblikata)
[14] App.: **26.1.1996** fil-kawż\a fl-ismijiet ***J. Vassallo Gatt noe vs J. Camilleri pro et noe*** (Kollez. Vol.: **LXXX.ii.306**)
[15] P.A. : **21.2.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***G.M. Tonna vs G.M. Tonna***
[16] App.: **4.12.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Aquilina noe et vs L. Debono*** (Kollez. Vol:**LXXXII.ii.1217**)
[17] P.A. **12.6.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***J.Ċilia et vs L. Camilleri et*** (mhux pubblikata)*;*
[18] P.A.: **21.1.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***A. Pisani et vs V. Farruġia*** (mhux pubblikata);
[19] P.A. **16.1.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Cutajar vs Muscat*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii..666**)
[20] App. Ċiv. **12.3.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Dalli*** (Kollez. Vol: **LXVII.ii.127**)

Azzjoni tal-Ispoll, il-kwestjoni tat-tolleranza tal-pussess m'għandhiex normalment tiġi meqjusa[21];

Illi, dwar it-tieni element, huwa meħtieġ li jintwera li l-għamil spoljattiv ikun wieħed arbitrarju u magħmul kontra r-rieda tal-possessur b'mod li jista' jagħti lok għal azzjoni ta' danni kontra min ikun wettqu[22]. Huwa wkoll maħsub li l-għamil irid ikun wieħed vjolenti jew imqar mistur għall-għarfien tal-persuna li kellha l-pussess[23];

Illi, ġie mfisser ukoll li l-kliem "*vis aut clam*" li jirradikaw dan l-element tal-azzjoni, mhux tabilfors jissarraf f'għamil ta' tkissir jew qerda ta' oġġett miżmum mill-attur jew li fih huwa jġarrab xi ħsara fiżika, għaliex huwa biżżejjed li l-għamil spoljattiv isir kontra r-rieda tiegħu jew mingħajr ma jitħalla jintebah bih[24];

Illi f'dan il-każ, intwera li l-għamil li minnu jilmenta l-attur seħħ għal kollox kontra r-rieda tiegħu.Ma kienx għamil mistur, imma kien jinvolvi ċerta "vjolenza", jew aħjar vjolazzjoni tal-pussess tal-attur. Dan in-nuqqas ta' kunsens intwera minnufih mill-attur malli sar jaf bl-għamil u baqa' ma nbidilix. Jirriżulta wkoll, b'mod ċar u korroborat u xejn anqas bi stqarrija tal-imħarrka nnifisha, li l-għamil twettaq mill-imħarrkin Azzopardi. Hemm għadd ta' provi li jorbtu lill-imħarrkin Azzopardi mal-ġrajjiet li dwarhom jilmenta l-attur. F'dan l-istadju, billi l-attur ma baqax jinsisti fl-azzjoni tiegħu kontra l-imħarrek Buġeja, mhux daqstant siewi jew meħtieġ li jingħad li r-rwol ta' dan tal-aħħar fil-ġrajjiet dokumentati, jekk kien jeżisti, ma ġiex muri lil din il-Qorti;

Illi dwar it-tielet element, il-liġi trid li l-azzjoni għat-tneħħija tal-effetti tal-ispoll għandha tinbeda fi żmien xahrejn. Dan iż-żmien huwa meqjus bħala terminu ta' dekadenza. Bħal kull wieħed ieħor mill-elementi tal-azzjoni, dan il-fatt għandu jiġi pruvat mill-attur. Iżda meta l-kwestjoni taż-żmien tittella' mill-imħarrek bis-saħħa ta' eċċezzjoni, allura

---

[21] App. Ċiv. **5.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech et vs Bonanno et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.934**) u s-sentenzi hemm imsemmija

[22] P.A. **30.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Vella pro et noe. vs S. Micallef*** (Kollez. Vol: **LXXV.iii.695**)

[23] App. Ċiv. **9.1.1976** fil-kawża fl-ismijiet ***A. Mizzi noe vs R. Clark noe*** (mhix pubblikata)

[24] App. Ċiv. **20.1.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Desira vs Lungaro*** (Kollez. Vol: **XLV.i.19**)

l-prova li l-azzjoni ta' spoll privileġġat saret barra minn żmienha taqa' fuq l-istess imħarrek, kif jipprovdi l-artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[25];

Illi dwar il-kwestjoni taż-żmien li fiha jmissha ssir il-kawża għandu jingħad li tinqala' l-problema dwar minn meta għandu jibda jintgħadd it-terminu ta' xahrejn li tiffissa l-liġi. Dan jinħoloq b'mod partikolari meta l-għamil spoljattiv ikun sar minn wara dahar il-persuna li kellha l-pussess. Kien hemm każijiet fejn il-qrati għamlu distinzjoni bejn meta l-għamil ta' spoll ikun wieħed li sar darba u fejn l-għamil ikun att li jippersisti, u għalhekk inħoloq il-ħsieb li l-azzjoni tibda jew minn meta l-persuna li tteħdilha l-pussess intebhet bl-ispoll jew meta l-att persistenti ntemm[26]. Iżda, fil-fehma tal-Qorti, qari xieraq taż-żewġ artikoli tal-liġi li jitkellmu dwar l-azzjoni privileġġata tal-ispoll (l-artikolu 791 tal-Kap 12 u l-artikolu 535 tal-Kap 16) ma jħallux għażla għal dik li għandha tkun it-tifsira xierqa li jmissha tingħata dwar minn meta għandu jintgħadd iż-żmien ta' xahrejn: dan għandu jibda jitqies minn dak inhar tal-ispoll[27];

Illi fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, dan l-element m'hemmx dubju li huwa mwettaq, għaliex il-kawża nfetħet inqas minn xahar wara li sar l-għamil attakkat;

Illi biex isseħħ l-azzjoni tal-ispoll huwa meħtieġ ukoll li t-tliet elementi msemmija hawn ikunu kollha pruvati li jeżistu, b'mod illi jekk jinstab, per eżempju, li l-attur naqas li jressaq l-azzjoni fiż-żmien ta' xahrejn, l-azzjoni taqa' minħabba n-nuqqas ta' wieħed mill-elementi meħtieġa mingħajr ma jkun hemm bżonn li wieħed jistħarreġ jekk jikkonkorrux l-elementi l-oħrajn tal-pussess u tal-għamil li bih il-pussess ikun ittieħed jew ġie mxellef;

Illi, minħabba li l-imħarrka Azzopardi ntwera li insistiet li kellha kull jedd li tidħol fuq l-art tal-attur, jidher li jkun xieraq li wieħed iqis kemm jiswa argument bħal dan f'azzjoni bħal din. F'dan il-każ, il-Qorti sejra tagħmel

---

[25] App. Ċiv. **18.6.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***N. Vassallo vs F. Esposito*** (mhux pubblikata)
[26] P.A. **19.1.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Attard*** (mhux pubblikata)
[27] App. Ċiv. **4.12.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. F.X. Vassallo noe vs J. Baldacchino et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.1354**)

osservazzjonijiet li jintrabtu man-natura possessorja tal-kawża li għandha quddiemha;

Illi din il-Qorti tqis li jekk għandu jingħata tifsir sewwa tal-Azzjoni possessorja tal-Ispoll maħsuba fl-artikolu 535, din għandha tiġi mfissra kif riedha l-leġislatur. Kien għalhekk li dak l-artikolu suppost jinqara flimkien mal-imsemmi artikolu 791 tal-Kap 12, li jillimita l-għamla ta' eċċezzjonijiet li jistgħu jittellgħu kontra l-attur għal dawk strettament ta' natura dilatorja[28]. B'mod partikolari, għall-Azzjoni ta' Spoll, l-imħarrek ma jistax iwieġeb jew jilqa' billi jgħid li l-att tiegħu kien wieħed leġittimu, għaliex dik id-difiża tappartieni lill-ġudizzju petitorju[29]. Għaldaqstant ukoll, il-mottiv li jkun ġiegħel jew anima lill-imħarrek biex iwettaq l-għamil li jnaqqas il-pussess ma jiswa xejn biex itaffi jew ixejjen is-sanzjoni li l-azzjoni ta' spoll iġġib magħha[30], jiġifieri dik li l-persuna mneħħija mill-pussess għandha titqiegħed lura f'dak il-pussess sħiħ u bla mittiefes qabel kull ħaġa oħra (*spoliatus ante omnia restituendus*)[31]. Hija biss fil-każ fejn l-imħarrek kien qiegħed jirribatti t-teħid ta' pussess validu li seta' kellu hu da parti ta' għamil ta' terz (l-attur) li difiża bħal din tirnexxi, u dan taħt il-massima li *vim vi repellere licet*[32] ;

Illi fil-każ preżenti, minbarra li ntwera li l-pretensjoni tal-imħarrka Azzopardi li l-art kienet mikrija lilha kienet waħda msejsa fuq fehma żgwidata, jirriżulta wkoll li l-imsemmija mħarrkin għamlu dikjarazzjoni quddiem Qorti oħra fis-sens li huma jagħrfu li l-pussess tal-art huwa fl-attur u l-familja tiegħu;

Illi, għalhekk, il-Qorti ssib li, f'dan il-każ, l-attur seħħlu jipprova l-elementi kollha tal-azzjoni minnu mibdija kontra l-imħarrkin, u ssib li hija mistħoqqa;

---

[28] App. Ċiv. **2.11.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Aġius et vs Aġius et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.319**)
[29] P.A. **4.2.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Delia vs Schembri et*** (Kollez Vol: **XLII.ii.900**)
[30] App. Ċiv. **9.3.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***C. Cardona vs F. Tabone et***, fuq imsemmija
[31] Ara P.A. NA **15.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Nażżareno Attard vs Francis Attard***
[32] Ara l-limiti ta' tali difiża mfissrin maġistralment f'App. Ċiv **5.101998** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri vs*** *Bonello* (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.499**) u f'P.A.(PS) **21.10.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***ĠeorginaBorġ vs Errol Cassar et***

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi, fil-kontumaċja tal-imħarrkin:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li bl-għamil tagħhom li jidħlu fl-art tal-attur u jħawlu fiha siġar u xtieli fil-jiem bejn it-tmintax (18) u l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Novembru, tas-sena 2001, l-imħarrkin Rita u Emanuel Azzopardi wettqu għamil ta' spoll bi ħsara tal-attur;

**Tilqa' t-tieni, t-tielet u r-raba' talbiet attriċi** u tikkundanna lill-imħarrkin Azzopardi, flimkien u solidalment bejniethom, biex sa żmien ħmistax-il (15) jum millum, jerġgħu jqiegħdu lill-attur fil-pussess sħiħ u bla mittiefes tal-imsemmija art kif kienet qabel it-18 ta' Novembru, 2001, u dan billi bi spejjeż tagħhom u taħt is-superviżjoni tal-Perit Arkitett Joseph Borġ Grech, ineħħu minn fuq l-art tiegħu ix-xtieli kollha ta' pjanti u siġar li tħawlu fuqha jew biswitha;

**Tilqa' l-ħames talba attriċi** u tawtorizża minn issa lill-attur biex jagħmel hu, bi spejjeż tal-imħarrkin, dak kollu meħtieġ biex jerġa' jikseb lura l-pussess sħiħ tal-art tiegħu, jekk kemm-il darba l-imħarrkin jonqsu li jwettqu dak minnhom ordnat b'din is-sentenza fiż-żmien mogħti lilhom;

**Tastjeni milli tqis** it-talbiet attriċi fil-konfront tal-imħarrek Joseph Buġeja, billi l-attur ċeda l-atti tal-kawża kontrih, u għalhekk teħilsu mill-ġudizzju u minn kull responsabbilta'; u

**Tikkundanna lill-imħarrkin** biex iħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża, kif mitlub mill-attur.

--------------------------------TMIEM--------------------------------